**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**S.T.O. Prim Imħallef Silvio Camilleri**
**Onor. Imħallef David Scicluna**
**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Seduta ta' nhar-il Ħamis 3 ta' Diċembru 2015**

**Att ta' Akkuża**
**Nru. 19/2011**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Sergii Nykytiuk**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-Att ta' Akkuża miġjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fl-14 ta' Lulju 2011 kontra Sergii Nykytiuk li permezz tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkuża lill-istess Sergii Nykytiuk b'omiċidju volontarju u ċioe' talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew bil-ħsieb li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġuna l-mewt ta' martu Liudmyla Nykytiuk;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-26 ta' Ottubru 2011 fejn dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-ġurati li bih, b'seba' (7) voti favur u b'żewġ (2) voti kontra, sabu lill-akkużat Sergii Nykytiuk ħati ta' l-Att ta' Akkuża ddikjarat għalhekk lill-istess Sergii Nykytiuk ħati talli matul il-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Novembru 2009, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew bil-ħsieb li

jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġuna l-mewt ta' martu Liudmyla Nykytiuk;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat il-fedina penali tal-ħati, qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Malcolm Mifsud u dawk tal-abbli prosekutur Dr. Nadine Sant, u wara li rat l-artikoli 211 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannat lill-ħati Sergii Nykytiuk għall-piena komplessiva ta' ħamsa u għoxrin (25) snin priġunerija, kif ukoll ikkundannatu jħallas is-somma ta' tnax-il elf, tliet mija u sitta u tmenin euro u wieħed u tmenin ċenteżmi (€12,386.81), rappreżentanti l-ispejjeż tal-perizji nkorsi f'dan il-proċess, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali; u f'każ li l-ispejjeż ma jitħallsux fi żmien ħmistax-il jum millum jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skont il-liġi;

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Sergii Nykytiuk ppreżentat fid-9 ta' Novembru 2011 fejn talab li din il-Qorti tħassar u tirrevoka l-verdett tal-ġurati u s-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-26 ta' Ottubru 2011, u tordna li jiġi reġistrat verdett ta' mhux ħati fil-konfront tiegħu li għandu jiġi liberat minn kull ħtija u piena. L-appellant appella wkoll mid-digriet tat-2 ta' Settembru 2011, u dan sabiex issir referenza kostituzzjonali skond ir-rikors intavolat. Subordinatament u fi kwalunkwe każ talab ukoll li din il-Qorti, f'każ li tiċħad l-appell tiegħu ghal dik li hi ħtija, tirriforma s-sentenza appellata għal dik li hi piena billi tinfliġġi piena fil-limiti tal-liġi u li tirrispekkja ċ-ċirkostanzi tal-każ u l-verdett milħuq li ma kienx wieħed ta' unanimita`; rat ir-risposta ta' l-Avukat Ġenerali tad-9 ta' Jannar 2015; rat l-atti l-oħra tal-kawża; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-appellant għandu s-segwenti aggravji: (1) li mill-provi proċesswali ma kienx hemm biżżejjed biex il-ġurija raġonevolment setgħet issib ħtija fil-konfront tiegħu almenu mingħajr kwalifiki; (2) li fil-kors ta' l-Indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri kien hemm direttivi ta' liġi żbaljati b'mod li kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-liġi li setgħet kellha effett determinanti fuq il-verdett raġġunt mill-ġurati; (3) li inoltre fil-kors tal-ġuri saru bosta żbalji u rregolaritajiet proċedurali b'tali mod li ma kellux "a fair trial" u dan waħdu għandu jkun biżżejjed biex din il-Qorti tilqa' dan l-appell; (4) fi kwalunkwe każ u subordinatament, anki li kieku kellu jiġi aċċettat li huwa ħati, il-piena inflitta fuqu mill-ewwel Qorti hija eċċessiva u tmur oltre dak permess mil-liġi.

**6.** Bħalma għamel l-appellant fir-rikors ta' appell tiegħu, din il-Qorti se tikkunsidra fl-ewwel lok <u>it-tielet aggravju</u> dwar irregolaritajiet waqt il-ġuri. Hawn l-appellant għandu żewġ ilmenti. L-ewwel ilment jirrigwarda l-istqarrija li kien għamel lill-Pulizija li dwarha kien talab li ssir referenza kostituzzjonali. Huwa jgħid:

"Illi qabel il-bidu tal-guri, l-appellant kien intavola rikors fejn talab li ssir referenza kostituzzjonali stante li qabel l-interrogazzjoni u l-istqarrija li l-appellant ta lill-pulizija ma nghatax l-opportunita` li jikkonsulta ma' avukat. Fid-digriet taghha tat-2 ta' Settembru 2011 il-Qorti Kriminali ddegretat billi ma ratx il-htiega ta' aktar referenzi kostituzzjonali u ddikjarat it-talba bhala "frivola u vessatorja". Il-Qorti mmotivat id-digriet taghha billi qalet li huma l-gurati li ghandhom jaraw jekk kienx assistit minn avukat fil-bidu ta' l-arrest tieghu u jekk ma kienx dan ghandu jkollu konsegwenzi negattivi.

"Illi l-iskop ghal tali rikors kien biex il-Qorti Kostituzzjonali tiddikjara l-istqarrija bhala null u bla effett biex il-gurati ma jinghatawx kopja ta' l-istqarrija. Il-gurati kellhom jaraw jekk l-appellant kienx hati ta' omicidju volontarju jew le u mhux jekk l-istqarrija hija legali jew illegali. Huwa inutili li l-Qorti tawtorizza li tinghata kopja ta' l-istqarrija lill-gurati, jkun f'idejn ghal matul il-guri kollu u imbaghad fl-indirizz taghti direttiva sabiex ma jqisux l-istqarrija bhala prova valida favur jew kontra l-appellant. Il-procedura gusta u fin-normi ta' "fair trial", il-gurati m'ghandhomx jinghataw provi li fl-ahhar minn l-ahhar m'ghandhomx jitqiesu u huwa llegali. Fdan il-kaz partikolari inghatalhom fl-ewwel gurnata ta' guri li hadet sebat ijiem u b'hekk bla dubju ta' xejn il-gurati kellhom id-dritt li jaqrawh kemm-il darba u jqisu l-provi l-ohra fil-konfront ta' dik l-istqarrija u fl-ahhar gurnata tinghata d-direttiva mill-Onorabbli Qorti sabiex ma jaghtux kasha. Fir-rikors intavolat qabel il-guri, l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha opportunita` li tinghata direttiva hi fuq jekk l-istqarrija hija nulla u bla effett u jekk kien fil-posittiv kellha tidderigi l-prosekuzzjoni sabiex ma taghmel l-ebda referenza ghall-istqarrija. Izda dak li gara f'dan il-guri huwa li ghamilna l-istqarrija bhala forbidden fruit", nghidu li qeghda hemm izda nghidu l-gurati sabiex ma jmissuhiex. Dan kien perikoluz wisq u l-appellant iqis li l-fatt li l-gurati kellhom l-istqarrija f'idejhom ghal sebat ijiem shah kellu effett negattiv fuq il-pozizzjoni tad-difiza waqt id-deliberazzjoni.

"Fil-fatt waqt il-guri kien hemm verbal f'dan is-sens u qed jigi kwotat hawn taht:

"*'Dr. Mifsud ghad-difiza jirrileva illi stante d-digriet ta' din il-Qorti tat-2 ta' Settembru 2011, dwar ir-referenza kostituzzjonali jitlob li l-istqarrijiet ta' l-akkuzat ma tigix mqassma lill-gurati u lanqas ma jkun hemm xhieda tal-Ispettur Pullicino u Arnaud ghal dak li jirrigwarda t-tehid ta' l-istqarrija stante li nkiser id-dritt fundamentali tal-bniedem.*

"*'Il-Qorti tirrileva li mhuwiex il-kompitu taghha li tiddikjara jekk giex lez jew le dritt fundamentali peress illi hemm Qorti apposta ghal dan l-iskop. It-tieni nett kif diga` spjegat fid-digriet taghha tat-2 ta' Settembru 2011, l-istqarrija ma ghandhiex a priori tigi sfilzata jew mnehhija mill-process, din hija parti mill provi illi ghandha tkun a dispozizzjoni tal-gurati flimkien mal-provi l-ohra u ghandha tinghata lilhom b'dan pero` jekk bhala fatt jirrizulta illi l-akkuzat ma kienx assistit fil-bidunett tal-proceduri dan jista' jkollu effett negattiv fuq l-istqarrija pero` hija kwistjoni ta' fatt li trid tigi determinata mill-gurija u hadd ma ghandu jusurpa din il-kwistjoni.'*

"Illi l-appellant jaqbel li l-Qorti Kriminali mhix il-Qorti kompetenti sabiex tiddikjara jekk giex lez jew le dritt fundamentali u kien ghalhekk ir-raguni li kien gie intavolat rikors ta' referenza fil-mument opportun."

**7.** Mill-atti jirriżulta illi wara li l-appellant kien intavola rikors fit-30 ta' Awwissu 2011 fejn talab lill-Qorti Kriminali tagħmel referenza kostituzzjonali biex jiġi determinat jekk il-mankanza tad-dritt għall-presenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni kienx leżiv tad-dritt tiegħu kif sanċit fl-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, dik il-Qorti kienet iddikjarat t-talba bħala frivola u vessatorja wara li ddikjarat li s-sitwazzjoni hi definita bid-diversi ġudikati in materja, senjatament **Il-Pulizija vs Alvin Privitera**, Qorti Kostituzzjonali, 11 ta' April 2011. Sussegwentement, waqt il-ġuri, saret talba biex l-istqarrija ma titqassamx lill-ġurati u biex ma jixhdux dwarha l-uffiċjali investigattivi, liema talba ġiet miċħuda.

**8.** Din il-kwistjoni ġiet indirizzata diversi drabi minn din il-Qorti. L-aħħar pronunzjament tagħha fir-rigward kien fis-7 ta' Lulju 2015 fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Angelus Vella u Jason Said** fejn saret referenza għal sentenza oħra tagħha tal-31 ta' Lulju 2014 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Charles Steven Muscat** fejn intqal hekk:

"**7.** Din il-Qorti diġa` kellha okkażjoni tikkunsidra eċċezzjoni identika fl-Appell Kriminali **Repubblika ta' Malta v. Antonio Abdilla et** deċiż fid-9 ta' Mejju 2013 fejn osservat **'illi meta stqarrija tingħata minn suspettat mingħajr l-assistenza ta' avukat dan ma jissarrafx awtomatikament fi vjolazzjoni tad-dritt fondamentali għal smigħ xieraq u konsegwentement fl-inammissibilita` awtomatika tagħha.'** F'dik is-sentenza saret referenza għall-istess sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali[1] fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali** kif ukoll għal sentenza oħra ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Carmel Saliba** mogħtija fit-2 ta' Mejju 2013 fir-rigward ta' aggravju simili għal dak odjern fejn intqal:

**"'15. L-insenjament awtentiku u l-aktar riċenti tal-Qorti Kostituzzjonali f'din il-materja ġie riassunt fil-bran li ġej mis-sentenza tal-istess Qorti tas-26 ta' April 2013 fil-kawża fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta v Martin Dimech* fejn jingħad:**

"***'Din il-qorti ġà kellha okkażjoni illi tgħid illi ma huwiex il-każ illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat iwassal, għalhekk biss, għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda jrid ikun hemm ċirkostanzi oħra, fosthom ċirkostanzi partikolari ta' vulnerabilità tal-persuna interrogata, illi jwasslu għall-konklużjoni illi minħabba n-nuqqas ta' aċċess għal avukat ma hemmx dik il-garanzija ta'***

[1] Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali mogħtija fit-8 ta' Ottubru 2012.

***leġittimità meħtieġa biex ma jitqiesx li l-istqarrija ttieħdet bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.'***[2]

**"'16. Fil-każ ta' llum din il-Qorti ma ġewx indikati lilha ebda ċirkostanzi partikolari ta' vulnerabilita` fiż-żmien li l-appellant irrilaxxja l-istqarrija u x-xiehda in kwistjoni u li jistgħu jinduċu lil din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li minħabba n-nuqqas ta' aċċess għal avukat meta ttieħdet l-istqarrija u ngħatat ix-xiehda, l-użu ta' dik l-istqarrija u xiehda fil-kors tal-ġuri twassal għal smigħ mhux xieraq fil-konfront tal-appellant. Ma rriżultat ebda ċirkostanza li tirrendi l-istess stqarrija u xiehda inammissibbli skont il-liġi.**

**"'17. Iċ-ċirkostanzi ta' l-appellant u ċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdu l-istqarrija u x-xiehda, jifformaw parti mill-provi li se jinġiebu a konoxxenza ta' l-imħallfin tal-fatti. L-istess bħalma jifforma parti mill-provi dak li l-appellant seta' qal lil xi xhieda u ċ-ċirkostanzi li fihom ikun qalhom (f'dar-rigward l-appellant ma ndika l-ebda xhud partikolari li qiegħed jilmenta dwaru). Difatti, bħal fil-każ ta' *Muscat*, l-appellant għad irid jgħaddi mill-proċess penali bil-garanziji proċedurali kollha li dan jagħti u fejn jinġiebu l-provi <u>kollha</u>, u mhux biss l-istqarrijiet tiegħu; illi matul dan il-proċess huwa sejjer ikollu l-għajnuna ta' avukat; u illi l-imħallef togat sejjer iwissi lill-ġurati bil-ħtieġa li l-provi kollha, inkluża l-istqarrija u x-xiehda li ssemmiet, isir apprezzament tagħhom fl-assjem tagħhom meta jiddeċiedu dwar ħtija. L-imħallef saħansitra ċertament ser iwissi lill-ġurati biex jiskartaw l-istqarrijiet jekk tinġieb xiehda li l-istqarrijiet ttieħdu bi vjolenza, b'qerq jew b'theddid, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi. Sta wkoll għall-imħallef togat biex jara x'kawteli jridu jittieħdu mill-imħallfin tal-fatti dwar xi diskors li l-appellant seta' qal lil xi xhieda u f'liema ċirkostanzi ntqal dak id-diskors. Konsegwentement anke t-tieni aggravju huwa miċħud.'"**

**9.** Mill-premess jirriżulta li d-deċiżjoni tal-Qorti li biha ma laqgħetx it-talba għall-isfilz tal-istqarrija kienet konsistenti mad-dispożizzjonijiet legali tal-Kodiċi Kriminali dwar iċ-ċirkostanzi li jirrendu stqarrija ta' akkużat inammissibbli bħala prova fil-proċeduri kriminali u kienet ukoll konformi mal-ġurisprudenza ta' din il-Qorti dwar il-materja. Darba li l-ewwel Qorti ammettiet l-istqarrija bħala prova ammissibbli f'dak l-istadju, salv l-iskrutinju tal-ġurati fl-istadju opportun wara li l-Qorti tindirizzahom dwar l-aspetti ta' fatt u ta' dritt relevanti dwar il-materja, ma hemm xejn irregolari fil-fatt li l-ewwel Qorti dehrilha li l-istess stqarrija kellha tiġi ċirkolata lill-ġurati sabiex tkun tista' titqies flimkien mal-provi l-oħra kollha għall-finijiet tal-iskrutinju neċessarju li kellhom jagħmlu kif dettat mil-liġi.

**10.** In kwantu għat-talba għal riferenza kostituzzjonali, stante li għall-motivi mogħtija mill-ewwel Qorti fid-digriet tagħha relattiv l-istess Qorti rriteniet it-talba frivola u vessatorja, kienet fis-setgħa tal-Qorti li tiċħad l-istess talba għal riferenza.

---

[2] Ara wkoll Qorti Kostituzzjonali **Joseph Bugeja v Avukat Ġenerali**, 14 ta' Jannar 2013, rik. 70/2011

**11.** Pero` ma hux minnu, kif allegat mill-appellant, li "dak li ġara f'dan il-ġuri huwa li għamilna l-istqarrija bħala *forbidden fruit*, ngħidu li qegħda hemm iżda ngħidu l-ġurati sabiex ma jmissuhiex". Din ma hix ħlief karikatura tal-mod kif l-ewwel Qorti iġġestiet din il-kwistjoni. Id-direzzjoni li tat l-ewwel Qorti lill-ġurati kienet sostanzjalment konformi ma' dik li kienet sa dak il-mument il-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Fl-indirizz tiegħu difatti l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri qal hekk[3]:

> "Pero' Sinjuri hawnhekk ghandna imma, u ghandna imma underlined bl-ahmar. Bhal ma gie spjegat lilkom fi Frar tas-sena l-ohra saret bidla fil-ligi, fejn giet introdotta klawsola li waqt il-bidu ta' l-arrest persuna arrestata ghandha dritt ikollha avukat u tikkonsulta mieghu ghal siegha. Mhux waqt l-istatement, id-dritt ta' l-avukat ma huwiex moghti waqt illi arrestat qed jaghti l-istatement. Dan id-dritt ta' avukat irid ikun gie moghti fil-bidunett ta' l-arrest tieghu, fejn dak li jkun ikollu l-opportunita` li jkellem lil avukat u jiehu dawk il-pariri li hemm bzonn. Tghaddi dik is-siegha, l-avukat jitlaq 'il barra u l-pulizija jiehdu over u l-akkuzat jaghmel l-istatement. Din ma kinitx xi haga li vvintajniha ahna, mhix xi haga gdida, din ilna nafu biha ghomor, id-dritt kien ilu s-snin, u dan kien dritt sancit mill-European Court of Human Rights. Konna ilna nafu biha din. Ahna kull ma ghamilna f'din l-emenda ta' Frar tas-sena l-ohra, 2010, kien illi rrikonoxxejna ufficjalment dan id-dritt u poggejnih fil-ligi taghna. Imma dan id-dritt kien jezisti mill-bidunett anka fi zmien l-arrest ta' l-akkuzat.
>
> "Issa araw intom Sinjuri Gurati, jekk bhala fatt intom tkunu sodisfatti li l-akkuzat ma giex moghti dak id-dritt allura dan jista' jkollu effett negattiv serju fuq l-istatement. Din hija kwistjoni ta' fatt illi tridu taraw intom. Smajtuha x-xiehda moghtija f'din l-Awla, smajtu x-xiehda ta' l-Ispettur Pullicino, smajtu s-sottomissjonijiet ta' l-avukat prosekutur u ta' l-avukat difensur u nista' ntikom din id-direzzjoni li jekk bhala fatt intom taslu ghal konkluzjoni li l-akkuzat ma giex moghti d-dritt li jikkonsulta avukat fil-bidunett ta' l-arrest tieghu allura l-istatement ghandkom tiskartawha u tridu toqoghdu fuq il-provi l-ohra li ngiebu f'din l-Awla. Cara din Sinjuri Gurati? Ma jistax ikun hemm dubju aktar fuqha din, din kellna diversi sentenzi kostituzzjonali hawn Malta fejn irrikonoxxew dan id-dritt u rrikonoxxew ukoll li dan id-dritt kellu japplika ghal dawk il-kazijiet kollha fil-passat, fejn minkejja li dan id-dritt kien jezisti ahna hawn Malta ma nkludejnihx fl-istatut taghna, u dan huwa wiehed minn dawk il-kazijiet."

**12.** Għaldaqstant din il-Qorti qed tiċħad l-appell li qiegħed jagħmel l-appellant mid-digriet imsemmi tat-2 ta' Settembru 2011.

**13.** It-tieni lment ta' l-appellant jirrigwarda l-komportament tal-prosekuzzjoni waqt il-ġuri. L-appellant isostni:

> "Huwa accettabbli li l-prosekuzzjoni tipprova taghmel mistoqsijiet diretti lix-xhieda taghha jew tipprova taghti interpretazzjoni gdida xi artikolu tal-ligi, izda li

[3] Paġni 387 – 388 tat-traskrizzjonijiet.

tattakka d-difiza u l-avukat difensur u anki timplika li l-ghazla tal-gurati kienu manipulati minnu huwa inaccettabbli. Iz-zewg avukati huma ufficjali tal-Qorti ghandhom rwolijiet differenti fil-process penali, izda ghandhom l-istess ghan li ssir gustizzja. Biex issir il-gustizzja hemm regoli stretti li z-zewg partijiet huma marbutin bihom u jekk ikun hemm ksur ta' regolamenti jista' jkun hemm ingustizzja. Wiehed minn dawn ir-regolamenti huwa li jekk ikun hemm diskussjonijiet bejn il-partijiet ghal transazzjoni u b'hekk patteggjament dawk id-diskussjonijiet ghandhom isiru minghajr pregudizzju u m'ghandhomx jigu zvelati lill-gudikant jekk mhux bil-permess tal-parti l-ohra jew jekk ikun hemm ezitu pozittiv. Illi fl-ezami ta' l-Ispettur Pullicino, il-prosekuzzjoni bdiet issaqsi dwar e-mails li kien hemm bejnha u bejnu rigward pieni f'kaz ta' ammissjoni.

"Illi 1-avukat sottoffirmat talab li dan il-fatt jigi diskuss fl-assenza tal-gurati u hekk sar. L-avukat sottofirmat kellu jizvela lill-ewwel Onorabbli Qorti li kien hemm tentattivi ghal patteggjament bejn il-partijiet u l-ezitu kien negattiv ghaliex l-appellant hass li ma kienx hati. Izda l-aktar importanti kien li l-mistoqsijiet li kienu qed isiru mill-prosekuzzjoni kienet se twassal ghal dan ghaliex kien jikkoncerna e-mail li kien hemm u lista ta' kazijiet fejn kien hemm ammissjonijiet mill-omicidju volontarju. Huwa minnu li l-Onorabbli Qorti ordnat il-prosekuzzjoni li ma tkomplix fuq din fi-linja ta' mistoqsijiet, izda kien hareg bizzejjed informazzjoni lill-gurati li kienu qed jiddiskutu skambju ta' e-mail fuq ammissjonijiet u b'hekk wiehed jista' jwassal ghal konkluzjoni wahda li l-appellant xi zmien kien qed jikkonsidera ammissjoni. Din l-informazzjoni ma kellhiex tinghata la l-Ewwel Onorabbli Qorti u l-anqas din il-Qorti, ghaliex tista' tinfluwenza min qed jiggudika. B'hekk il-fatt li hareg din l-informazzjoni certament seta' influwenza l-gurati fid-deliberazzjoni taghhom u mhux eskluz li jinfluwenza l-Qrati. Il-prosekuzzjoni kienet zleali u kienet tattika under-handed u kienet intenzjonata sabiex il-prosekuzzjoni "tirbah" il-kaz a kost ta' kollox.

"Illi dan ma kienx bizzejjed, il-prosekuzzjoni fir-replika taghha bdiet tispjega li l-ghazla tal-gurati kienet manipulata mid-Difiza ghaliex l-avukat sottofirmat kien rikuza tliet nisa meta telghu bil-polza. Huwa minnu li l-Onorabbli Qorti invertjeniet, izda l-prosekuzzjoni kienet diga` qalet dak li kellha tghid u kkritikat id-Difiza li m'hemmx nisa bhala gurati. Il-prosekuzzjoni kienet taf ben tajjeb li z-zewg partijiet ghandhom id-dritt li joggezzjonaw ghat-tliet persuni li jigu imsejhin bhala gurati minghajr ma jinghata spjegazzjoni. B'hekk jekk il-prosekuzzjoni kienet taf x'tghid il-ligi, l-uniku raguni li saret dik is-sottomissjoni kienet sabiex tindika li d-Difiza manipulat il-gurati a favur taghha. Dan qed jinghad wara li, meta kienu qed jigu maghzula l-gurati, l-Ispettur Chris Pullicino kien qed jigi kkonsultat mill-prosekuzzjoni kull darba li l-prosekuzzjoni talab rikuza. L-ispettur kellu karti f'idejh li ovvjament id-difiza ma kellha l-ebda informazzjoni fuq x'informazzjoni li l-pulizija u l-prosekuzzjoni kellha fuq kull gurat. Izda l-appellant jissottometti li l-intervent ta' l-Imhallef f'waqtu ma jiggarantixxix smiegh xieraq meta l-gurati kienu diga` indirizzati mill-prosekuzzjoni li d-Difiza kienet qed timmanipula l-gurati u riedet ma jkunx hemm nisa bhala gurati. Dan ma kienx kif jista' jigi spjegat fit-trattazzjoni. L-avukati tal-prosekuzzjoni u tad-Difiza ghandhom ir-rwol importanti li jiggarantixxu l-atteggjament li jsir gustizzja u sfortunament l-appellant jissottometti li dawn it-tattici uzati mill-prosekuzzjoni ma kinux leali lejn dan il-principju."

**14.** M'hemmx dubju li waqt ir-replika l-prosekutur (mhux il-prosekutur preżenti) għamlet osservazzjoni li d-difiża kienet rrikużat tliet ġurati meta telgħu bil-polza li kienu t-tlieta nisa. Hija qalet hekk[4]:

> "Kemm il-bank tad-Difiza u kemm il-Prosekuzzjoni ghandna dak li jghidulu qisu three strikes, nistghu noggezzjonaw ghal tliet ismijiet li jittelghu biex ma joqoghdux fuq dak il-bank, uzathom il-bank ta' l-Prosekuzzjoni w uzathom il-bank ta' d-Difiza, ragunijiet li huma ndividwali u ma hemmx ghalfejn jigu spjegati. Biex intom ma gejtux rikuzati ghax hemm il-fiducja fikom. Haga li nnotajt imma, u ghalhekk niehu pjacir meta tkun gurija mhallta, <u>id-Difiza rrikuzat kull gurat li telghet ta' sess femminili sakemm inqatghu it-tliet chances</u>" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Din hija osservazzjoni li ma kellhiex issir stante li l-liġi stess tipprovdi fl-artikolu 611(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali li r-rikużi jistgħu jkunu jew perentorji jew għal raġuni u li r-rikużi perentorji huma dawk li jsiru bla ma tingħata raġuni, u jistgħu jiġu hekk rikużati tliet persuni kemm min-naħa ta' l-Avukat Ġenerali kif ukoll min-naħa tad-difiża. Id-difiża mill-ewwel oġġezzjonat għal din l-osservazzjoni u l-ewwel Qorti kkorreġiet lill-prosekutur.[5] Din il-Qorti, mill-banda l-oħra, ma tarax li b'dan kollu seta' ġie arrekat xi preġudizzju għall-appellant dwar il-ħtija o meno tiegħu.

---

[4] Paġna 333 *ibidem*.

[5] Paġni 333 - 334 *ibidem*:

"Difiza: Jien ma ghandix nispjega xejn. Dik hija osservazzjoni taghha u mhix ir-realta`. It's not fair, u hija beginning biex nghidu affarijiet li ma humiex gusti. It's not fair! It's not fair!

"Pros: Sur Imhallef ghandu dritt ghal kontro replika.

"Qorti: Isemghuni, hemm bzonn nghajjat? Hemm bzonn nghajjat? Qed naghmluha ma' t-tfal hawn? Dr Sant ismaghni, diga' ghidt u ghidtilhom sew illi kemm int bhala Prosekuzzjoni u kemm id-Difiza ghandhom id-dritt ta' rekuza tliet darbiet minghajr ma jaghti raguni. Mela ieqaf hemm, tpoggix raguni int f'halq id-Difiza meta d-Difiza ma ghamlet l-ebda raguni, dik kull ma sejjer nghid.

"Pros: Sur Imhallef l-ewwel haga li ghidtilhom hadd ma ghandu jispjega, hija osservazzjoni

"Qorti: Le, taghmilx osservazzjoni f' halq id-Difiza, x'missha ghamlet jew ma ghamlitx, jew ghalfejn dak illi ghamlet li kellha dritt taghmel. Id-Difiza kellha dritt li tirrikuza tlieta, issa jekk humiex femminili jew humiex maskili dak huwa dritt assolut taghha u ma tistax inti tpoggi raguni ghal dak id-dritt illi dik ir-raguni minn naha ta' d-Difiza ma hargitx. Spjegajtha din?

"Pros: Iva Sur Imhallef u r-raguni qatt ma poggejt imma osservazzjoni kelli dritt naghmilha.

"Qorti: Ghidtlek tpoggix osservazzjoni f'halq id-Difiza meta dik ir-raguni ma hargitx. Ok? Kompli.

"Pros: Sur Imhallef kull ma nitlob huwa jiena l-kollega meta ghamel id-Difiza tieghu ma nterrompejtx u mlejtx tliet faccati u nofs notamenti, issa jiena nitlob li kull haga li hemm

"Qorti: Fair is fair, ghax dik l-osservazzjoni li ser taghmel mill-ewwel ser tqajjem pregudizzju.

"Pros: Sur Imhallef jiena kull haga li ma qbiltx ma' d-Difiza nkluz meta kien hemm affarijiet

"Qorti: Dr Sant fhimtni jew ma fhimtnix? Mela allura kompli.

"Pros: Imma jiena kull ma qed nitlob huwa dan issa, illi jien nithalla naghmel ir-replika, bhal ma ghamilt jien ktibt kollox fejn ma qbiltx u ma qbiltx bil-kbir u jindirizzahom fil-kontro replika tieghu.

"Qorti: Iva kollox sew pero' some things have to be interrupted immediately u mhux sew illi inti fir-replika tieghek taghmel din l-osservazzjoni, ma huwiex sew, it's not fair. Some things have to be answered immediately ghax inkella ser issir hafna hsara. Ghalhekk qieghed hawn jien wara kollox hux, mhux biex inkun sempliciment ma naghmel xejn, qed inhares. Meta ghandi bzonn nintervjeni nintervjeni, meta ma ghandix ghalfejn ma nintervjenix. Pero' some things are important. Kompli."

**15.** Dwar li fl-eżami ta' l-Ispettur Pullicino, il-prosekuzzjoni bdiet issaqsi dwar *e-mails* li kien hemm bejnha u bejnu rigward pieni f'każ ta' ammissjoni, il-bran rilevanti huwa s-segwenti[6]:

> "Pros: Issa l-ahhar mistoqsija, spettur inti hawnhekk gie d-diskors mill-avukat difensur rigward pieni u mhux pieni. Sewwa nghid li gimaghtejn ilu gejt mitlub
> "Qorti: Mhux diga' spjega x'gara u x'qallu waqt l-istatement?
> "Pros: Mistoqsija differenti Sur Imhallef.
> "Qorti: Tergax tidhol hemmhekk fejn ghidtlek.
> "Pros: Fuq John Debono? Le mhux fuq John Debono Sur Imhallef.
> "Qorti: X'inhi d-domanda?
> "Pros: Nindirizzaha lilek?
> "Qorti: Le ghidha.
> "Pros: L-avukat difensur qallek li hu kienu qeghdin jaccennaw dwar pieni jekk issirx ammissjoni u ma ssirx ammissjoni, issa sewwa nghid, u ghamillek mistoqsijiet dwar statistika u mhux statistika u x'hemm u kollox,
> "Difiza: Jekk semmiet gimaghtejn
> "Qorti: Ha nisma' d-domanda.
> "Pros: Sewwa nghid li inti gimghatejn ilu kont gejt mitlub statistika dwar pieni ta' ammissjonijiet li umbaghad giet mghoddija lil avukat difensur? Ta' kazijiet dwar pieni jekk ikun hemm ammissjoni?
> "Difiza: Punt legali, punt legali. Nixtieq punt legali.
> "Qorti: L-ewwelnett x'inhija r-relevanza taghha din id-domanda? Fejn ser naslu fiha? Fejn ser naslu?
> "Pros: Jiena just biex nikkonferma li l-ispettur tani din l-istatistika
> "Qorti: Imma billi tak dik l-istatistika ghal fini ta' l-mertu ta' dan il-kaz fejn ser naslu?
> "Pros: Peress li l-avukat difensur ghad iqajjem id-dubji dwar x'jaf fuq l-omicidju bl-istatistika
> "Qorti: L-avukat difensur ma qajjem ebda dubju ta' xejn u lanqas qajjem l- ebda dubju fuq l-integrita' tieghu, ta' l-ispettur, u ma ghandekx ghalfejn toqghod tidhol fiha int ukoll.
> "Pros: Le mhux fuq l-integrita' Sur Imhallef, peress li saqsa fuq jekk hemmx statistika jew le u gimaghtejn ilu l-ispettur provda statistika nfatti
> "Qorti: L-istatistika ma ghandha l-ebda relevanza ghal dan il-kaz.
> "Pros: Peress li qajjimha l-avukat difensur, mhux ghax ghandi interess jien Sur Imhallef.
> "Difiza: Sur Imhallef nixtieq li nqajjem punt legali.
> "Qorti: Hudu pacenzja Sinjuri, idhlu. X'inhu dan il-punt legali?
> "Difiza: Il-punt legali hija li ghadha kemm issa l-kollega tat indikazzjoni cara fuq li ahna konna qed nitrattaw dwar possibilita' ta' ammissjoni
> "Pros: Lanqas xejn
> "Difiza: Saqsiet lil ispettur dwar l-istatistika ta' ammissjonijiet
> "Pros: Peress li hu semma ta' Harrington ha l-ghomor il-habs.
> "Difiza: This is unfair li qed naghtu indikazzjonijiet x'gara gimaghtejn ilu.
> "Qorti: Just to be clear, jigifieri inti din l-istatistika tlabtha ghal fini ta' dak il-patteggjament li kellek? Allura jekk inti ser tasal biex taghmel xi mensjoni dwar possibilita' ta' trattattivi li kien hemm bejnietkom

[6] Paġni 52 – 53 *ibidem*.

“Pros: Le lanqas xejn Sur Imhallef
“Qorti: Nispera li tifhem il-konsegwenzi taghha
“Difiza: Qalitha, konna qed niddiskutu jien u l-kollega dwar possibilita’ ta’ ammissjoni
“Pros: Le lanqas xejn
“Difiza: Giet lura statistika iva fejn qalet isma’ jekk inti tammetti dan kellu hekk, dan kellu hekk u dan kellu hekk li ma ghandux x’jaqsam assolutament xejn, issa quddiem il-gurati, this is unfair, unfair to my client! Li he is facing life! They should be ashamed of themselves, bir-rispett kollu.
“Qorti: Dr Mifsud! Dr Mifsud please!
“Difiza: Ha naghmel verbal, bir-rispett kollu this is unfair!
“Qorti: Id-domanda li ghamlet il-Prosekutur ma waslitx f’dak l-istat, ma waslitx f’dak l-istat u ma nahsibx illi f’dan l-istadju waslet din id-domanda hemm xi pregudizzju. Illi kieku semmiet ghaliex tlabt dik l-istatistika hemmhekk iva, hemmhekk iva, kien ikollna problema u problema kbira, imma ma waslitx sa hemmhekk, u qed tirriskja hemmhekk fiha din int.
“Pros: Le Sur Imhallef
“Difiza: She doesn’t get the message din!
“Pros: Sur Imhallef jiena jekk l-avukat ta’ d-Difiza qed jipprova jiehu xi kliem minn halqi, jipprova jdahhal intenzjoni u jpoggiha f’tieghek dik hija strategija tieghu, ha nlesti
“Difiza: Nisimghu it-tape.
“Pros: Hu, mhux jien ghax jien ghamiltu l-ezami tieghi u smajtu l-mistoqsijiet kollha, jiena qatt ma semmejt fuq Harrington u erbatax-il sena u pieni, dak hu zball tieghu. Imma hu x’ghamel? Hu jipprova jghid : imma inti qatt kellmu fuq jekk tiehux erbatax-il sena, jekk tiehux ghomor il-habs u ghad jghidlu fuq statistika u mhux statistika. X’qallu l-ispettur? Qallu jien ma nafx fuq x’hiex qed titkellem, qallu jien jekk tridni nipreparalek xi statistika tini cans ha mmur id-depot u ngibulek.
“Difiza: Gharukaza. Kemm ilni naghmel gurijiet gharukaza.
“Pros: Ma nitkellmux b’dak il-mod Dr Mifsud, ma nitkellmux b’dak il-mod Dr Mifsud.
“Qorti: Ara ma ghandniex ghalfejn noqoghdu naqilghu hafna kwistjonjijiet, allright? Issemmix xejn fuq it-trattattivi li kien hemm bejnietkom, punto e basta.
“Pros: Id-Difiza qed issemmi dak, jiena ma ghandi l-ebda interess Sur Imhallef.
“Qorti: Mela ibqa’ bla dak l-interess, issemmi xejn. Daqshekk. Inkomplu.
“Pros: Jiena fil-fatt ma semmejt xejn, hija d-Difiza li tipprova tghid illi hemm dak l-interess, ma tarax?
“Qorti: Id-Difiza ma ghandhiex interess issemmi dak l-incident, mhux incident, dawk in-negozjati, zgur li le. Zgur li le ma ghandhiex interess issemmihom dawk in-negozjati.
“Difiza: Give him a fighting chance, barrani hawn lanqas jitkellem bl-Ingliz.
“Qorti: Hawnhekk Dr Mifsud naghmluha cara illi hawnhekk hawn regoli u kulhadd li qieghed hemmhekk ghandu d-drittijiet tieghu. Dawk ser jigu osservati, huwa dmir tieghek li tara illi dawk ir-regoli jigu osservati.
“Difiza: U hekk ser naghmel bil-buzullotti kollha li saru.
“Qorti: U hekk ghandek taghmel. U minn naha tieghek tippruvax tmur x’imkien li tista’ b’xi mod tippregudika anka dan il-guri.
“Pros: Sur Imhallef qatt ma pruvajt nipregudika l- ebda guri.

"Qorti: Imma jekk ser taghmel referenza ghal xi patteggjament, ghal xi negozjati li kien hemm bejnietkom hazin ser taghmel.
"Pros: Sur Imhallef qatt ma ghamiltha u qatt mhu ser naghmilha. Hija d-Difiza li qed tipprova ddahhal dak il-fellus f'ras kulhadd. Jiena saqsejt ghax hu ghamel domanda fuq statistika.
"Qorti: Ftehmna, mela dahhalhom u nkomplu bid-domandi."

**16.** Il-fatt li d-difiża setgħet talbet xi statistika dwar piena f'każijiet ta' ammissjonijiet ċertament ma kien ta' ebda rilevanza għall-mertu ta' dan il-każ. Fortunatament, sakemm l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri talab lill-ġurati joħorġu mill-Awla, ma kien issemma xejn dwar li kien hemm tentattiv ta' patteġġjament. Dan ċertament ma kienx xi mertu tal-prosekutur, li kienet miexja b'mod ażżardat għall-aħħar fuq ix-xifer tal-korrettezza legali u etika, iżda kien dovut għall-intervent tempestiv tal-avukat difensur u tal-Qorti. Minn dak li leħqet saqsiet il-prosekutur, x'setgħu fehmu l-ġurati tista' tkun biss konġettura. L-Imħallef li ppresjeda l-ġuri għal darba oħra kkorreġa lill-prosekutur. Fil-fatt din il-linja ta' mistoqsijiet ma tkomplietx. Inoltre l-fatt li quddiem l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, fl-assenza tal-ġurati, intqal li kien hemm tentattiv ta' patteġġjament, ċertament ma seta' jkun ta' ebda preġudizzju għall-appellant f'għajnejn l-Imħallef. Bħalma ntqal f'**The Republic of Malta v. Stephen Nana Owusu** deċiż minn din il-Qorti fit-12 ta' Diċembru 2013:

**"11. Appellant says that during plea-bargaining (or, more correctly, sentence bargaining) with the Attorney General's Office, that Office indicated that it was prepared to agree to a punishment of ten years imprisonment. Appellant did not agree because he believed that he should receive a lesser punishment. The fact of the matter is that no agreement was reached and whatever discussions there may have been between appellant and the Attorney General, they have absolutely no bearing on the manner of disposal by the Criminal Court. Indeed, even had an agreement been reached, the Court would not have necessarily been bound by such agreement. Article 453A(2) of the Criminal Code provides that the Court 'shall' proceed to pass the sentence indicated to it by the parties *'[i]f the court is satisfied that the sanction or measure, or combination of sanctions and measures, requested as provided in subarticle (1) is one which it would have been lawful for it to impose upon conviction for the offence to which the accused has pleaded guilty and does not have cause to order the trial of the cause to be proceeded with for a reason referred to in article 453(2) or for any other reason to reject the request'*."**

**17.** U f'**Ir-Repubblika ta' Malta v. Claudio Porsenna**, deċiż minn din il-Qorti fit-30 ta' Lulju 2015, wara li saret referenza għall-bran indikat fil-paragrafu preċedenti, intqal:

**"8. L-osservazzjoniiet li saru f'dik il-kawża huma pjenament applikabbli għall-każ odjern, u din il-Qorti ma tikkondividi bl-ebda mod il-ħsieb ta' l-appellant illi l-piena nflitta fuqu kienet mod ta' kif l-ewwel Qorti**

**tippenalizzah ghax ma kkonkludiex patteġġjament. L-appellant irid jiftakar illi meta Qorti tasal għall-piena li jkun jidhrilha ġust fiċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari quddiemha, hija ma tkunx ħadet sehem f'xi forma ta' *give and take* li jikkaretterizza l-proċess ta' patteġġjar."**

**18.** Permezz tat-tieni aggravju tiegħu l-appellant jgħid li kien hemm applikazzjoni u interpretazzjoni ħażina tal-liġi. Huwa jagħmel is-segwenti sottomissjonijiet:

"Illi fl-indirizz ta' l-Onorevoli Imhallef lill-gurati, gie spjegat il-principji ta' cohesion [*recte:* coercion] biex il-pulizija jgibu stqarrija. Mill-provi prodotti mill-Ispettur Chris Pullicino, John Debono u Ludmilla Plyushkina, li waqt l-interrogattorju l-ispettur informa lill-appellant li f'Malta kien hemm kaz ta' Joseph Harrington fejn il-persuna li ammetta l-involviment tieghu fl-omicidju volontarju kien inghata sentenza ta' 14-il sena prigunerija, filwaqt li Joseph Harrington li ma kienx ammetta mar ghomru l-habs. Fil-fatt John Debono u Ludmilla Plyushkina kienu spjegaw it-ton li intuzat ma' l-appellant mill-Ispetturi tal-Pulizija, li dak il-hin kien qed jinnega l-involviment tieghu fil-mewt tal-mara tieghu, kien ton li wiehed seta' jghid li kienet theddida. Hareg bl-aktar mod car li d-diskors mill-pulizija kien li jekk jaghti stqarrija ta' ammissjoni, huma kienu se jpingu l-kaz fil-qorti kien l-appellant kien vittma ta' l-infedelta` taghha, filwaqt li jekk ma kienx se jammetti kienu se jpinguh bhala qattiel krudili u kienu se jitolbu l-ghomor, kif fil-fatt ghamlu. John Debono, li kien interpretu waqt l-interrogazzjoni xehed li ghalih dik kienet theddida u kif ukoll promessa ghal vantagg jekk jikkopera mal-pulizija. Waqt l-indirizz tal-Qorti, skarta l-cohesion [*recte:* coercion], minhabba l-fatt li 1-appellant m'huwiex Malti u l-probabbilta` li ma kienx jaf dwar il-kaz ta' Joseph Harrington. Ghalhekk ma kienx hemm cohesion [*recte:* coercion] ghaliex dak l-isem ma jfisser xejn ghalih. L-appellant jissottometti li jista' jkun li ghalih l-isem Joseph Harrington ma tfisser xejn, izda l-ghomor (life imprisonment) hija haga maghrufa madwar id-dinja. L-appellant jissottometti wkoll li l-pulizija illegalment heddew li jekk ma jikkoperax maghhom kienu se jinsistu ghal ghomor, izda jekk jikkopera kienu se jaghtu sentenza ferm anqas. Mix-xhieda kienu semmew ghaxar snin jew erbatax-il sena. Waqt il-guri, l-appellant talab xoljiment tal-guri minhabba l-fatt li kien hareg dan il-fatt u l-gurati inghataw kopja ta' l-istqarrija taghhom, stqarrija li ttiehdet bi theddid u bi promessi kif indikat fl-artikolu 658 tal-Kodici Kriminali. L-Onorevoli Imhallef missu ddikjara li dan kien it-tieni raguni ghaliex l-istqarrija kienet nulla u bla effett."

**19.** Din il-Qorti sejra fl-ewwel lok tirreferi għal dak li qal John Debono fix-xiehda tiegħu[7]:

"Xhud: Kien hemm naqra pressjoni ta' l-bidu, naqra blaff isma' we have to get there, we have to get there, ghidilna l-verita', ghidilna l-verita' ghax irridu naslu ghal verita', dan huwa xogholna, dik hija l-mara tieghek mejta, ahna ghandna xoghol x'naghmlu, u dik u dik u dik. Dik kienet fil-bidu.

[7] Paġni 105 – 106 *ibidem*.

“Qorti: Jigifieri waqt l-istatement proprja, dak li gie eventwalment prezentat lil Qorti dik Ludmilla Plushkina biss kienet prezenti?
“Xhud: U l-ispettur Pullicino
“Qorti: Le minn naha taghkom
“Xhud: Le jiena ma kontx prezenti meta ttiehed l-istatement, jiena dak il-hin ma kontx hemm gew bl-ebda mod.
“Qorti: Sakemm kont hemm int mill-bidunett sakemm kont hemm int kien hemm xi forma ta' theddid minn naha ta' l-pulizija? Dawk li nghidulhom bl-Ingliz threats?
“Xhud: Kien hemm, kif naqbad nghid, kliem iebes, isma' trid tghidilna l-verita', ghandna kaz ta' omicidju quddiemna
“Qorti: Dik mhix theddida, theddida meta inti qed thedded lil xi hadd b'xi hazina jekk inti ma taghmilx dak li nghidlek jien.
“Xhud: Allright, jekk tehodha hekk nghidlek le, imma kien hemm illi isma' din hija oggett serju, din oggett serju
“Qorti: Hemm differenza minn coercion
“Xhud: Din hija oggett serju, hemm kaz fejn bniedem jista' jmur hajtu l-habs. Iva dawk kien hemm dawk it-tip ta' affarijiet. U jekk tikkopera maghna nistghu nghodduk ta' miskin, dawk l-affarijiet iva saru, u saru fil-bidu ta' l-investigazzjoni, saru fil-bidu u saru fil-prezenza tieghi.
“Qorti: Xi forma ta' indimidazzjoni kien hemm?
“Xhud: Ifhimni jekk bniedem qed tghidlu isma' ghandek kaz ta' ghomrok il-habs ma nafx tehodhiex bhala intimidazzjoni jew le. Li nista' nghid huwa illi kien hemm lok jew mod kif forsi tasal il-pulizija illi isma' allright ghamilt zball, kien hemm cirkostanzi, nafu li kellek problemi fiz-zwieg, nafu li kellek il-glieda ta' l-lejl ta' qabel, li l-mara tieghek kienet qed torqod ma' haddiehor, x'nistghu nghidulek? Miskin, imma ahna xorta rridu l-verita' ghax ahna xorta ghandna persuna mejta, issa jew ha nikkoperaw ma' xulxin u nippruvaw naslu u tkun miskin, jew inkella inti kriminal, inti qattiel, fejn ahna ha mmorru ghal life. Dik kien hemm, dik kien hemm carissima jigifieri.
“Qorti: Xi forma ta' promessi? Xi promises ? Jekk inti taghmel hekk ser ikollok hekk?
“Xhud: Il-promises kienu fl-istess sens, fl-istess sens fis-sens jekk inti ha tkompli tinnega kollox u ha nkunu nistghu nippruvaw illi inti qtilt lil martek inti tmur ghomrok il-habs, u naghmel minn kollox biex tmur ghomrok il-habs. Jiena nista' nghidlek li f'dak il-mument issemma' kaz li jiena niftakru, il-kaz ta' Harrington ghax kien haraq persuna go karozza, dak niftakru sew dak id-diskors. Imma kien hemm ukoll illi isma' jekk ha tikkopera maghna ahna ha nghinuk, ha nghinuk fis-sens illi ma ngibukx ta' kriminal qattiel tipo ta, ma nafx inix qed nispjega ruhi sew.
“Qorti: Sewwa. Xi suggerimenti ta' favuri minn naha ta' l-pulizija lil akkuzat jekk jaghmel l-istatement kien hemm?
“Xhud: F'dan is-sens.
“Qorti: Dejjem f' dak l-ambjent.
“Xhud: Dejjem f'dan is-sens.
“Qorti: Dejjem f'dak is-sens.
“Xhud: Iva.
“Qorti: Vjolenza?
“Xhud: Le ta' l-ebda forma.
“Qorti: Ta' l-ebda forma. Ghajjat?

“Xhud: Jiena kont f’hafna interrogazzjonijiet, kwazi nghidlek the normal thing, xejn ta’ barra minn hawn.
“Qorti: Kienet interrogazzjoni normali.
“Xhud: Iva ghandek certu stress fejn tkun, dawn ma humiex affarijiet sbieh zgur, imma jigifieri jiena nista’ nghidlek li fi hmistax-il sena qatt ma rajt bniedem jissawwat mill-pulizija jew hekk, nista’ nahlifha minghajr problema ta’ xejn.
“Qorti: Jigifieri as far as you are concerned ma rajt xejn ta’ barra minn hawn f’din l-investigazzjoni.
“Xhud: Le.”

**20.** Imbagħad dak li qalet Lyudmyla Plyushkina huwa s-segwenti[8]:

“Difiza: Would I be correct to say that before, prior to the statement and prior to the meeting of those two minutes with inspector Pullicino you had to translate from the police telling Sergii that it is better for him to cooperate with the police because if he does not cooperate with the police or if he cooperates with the police, the police would help him in court in the sense that he would be shown as a victim of his wife, that his wife had another lover, had another relationship, but if he does not cooperate with the police there was this case of Joseph Harrington where they will show him to be as cruel as this case of Joseph Harrington who ended up with life imprisonment. Were you asked to translate or did you translate this?
“Xhud: The wording was not exactly as you are saying
“Difiza: The meaning, you tell me the wording and the meaning.
“Xhud: I do not remember the name, they give example of someone Maltese who was serving life sentence because he was watching some woman in a bar, something like that and they told him if he will not admit and he will not say the truth they will present him like cold blooded murderer, this I remember, cold blooded murder in the court, and the jury will be really strict for person who is cold blooded murderer, I remember.
“Difiza: And can you confirm this which was said by one of the inspectors was translated?
“Xhud: Yes it was translated, I was translating everthing yes.
“Qorti: When were these words said?
“Xhud: It was before statement, it was on the first day because statement was released on the second day. It was during the night of the first day.
“Qorti: During the stage when Sergii was denying every involvement.
“Xhud: Yes
“Qorti: And how long was that before he had asked to have that meeting privately with inspector Pullicino?
“Xhud: I think that was the first night because I arrived at the police station somewhere at mid day and I think this conversation was in the first night, when I say night it was may be eleven o’ clock in the evening but he was denying everything. And on the next day he decided to give a statement next day in the evening.
“Qorti: So there was quite some time which passed.
“Difiza: Whether you explained correctly about this Maltese person who had this life sentence, now did the police, one of the police inspectors or both of the police

[8] Paġni 116 – 117 *ibidem*.

inspectors, you tell me, suggest that if he cooperate he would be shown to the court as a victim of his wife? I am not quoting, I don 't have the same words, you tell me the sense and whether
"Xhud: It's like if he admit they jury will look at him like husband who was kidded by wife and who was really get out of his mind, something like this, not like a cold blooded murderer, this was the difference of giving statement and not giving statement.
"Difiza: And was it ten years or around the ten years told to you or mentioned for you to translate?
"Qorti: Were any years mentioned?
"Difiza: If he admits
"Xhud: I don't remember any years, I dont' want to say, but it was like they will give you some years
"Difiza: But you don't remember the amount of years they gave. But years were mentioned. Ok."

**21.** Da parti tiegħu l-Ispettur Christopher Pullicino jispjega hekk[9]:

"Difiza: Il-fatti, jigifieri hawnhekk qeghdin fl-awla ta' l-prova u rridu nohorgu l-fatti. Mela at one stage skont ix-xiehda tieghek inti qed tghid kien hemm diskors lil akkuzat rigward ghajnuna imma dan ma kienx gej minghandi, kien gej minghand John Debono. Mela jiena nassumi li John Debono qallek x'kien qallu lil klijent tieghi
"Xhud: Hekk hu.
"Difiza: Issa meta qallek hekk ma ghidtlux le, tghidlux hekk, mur ghidlu
Qorti: Diga' qallek, ma qallu xejn.
Difiza: Ma ghidtlu xejn, hallejtha hekk. Jekk jiena nghidlek li inti mhux biss offrejt l-ghajnuna imma ghidt id-diskors isma'
Qorti: Tpoggix kliem f'halq ix-xhud, hu ma qalx li hu offra l-ghajnuna, tpoggix diskors f'halq ix-xhud.
Difiza: Jiena qed naghmillek il-mistoqsija li inti qed tinnega li inti offrejt xi tip ta' ghajnuna lil klijent tieghi, jiena qed nghidlek ma huwiex minnu, qed nistaqsik, it-tieni nett mhux biss hekk, li kien hemm diskors inti ma' John Debono u Ludmilla l-interpretu fejn inti ghidtlu biex jaghmlu translation u d-diskors kien jekk il-klijent tieghi jikkopera u jekk il-klijent tieghi jigifieri Sergii jaghmel stqarrija fejn jammetti dan il-kaz ahna l-Qorti ngibuk bhala miskin u ghax inti vittma ta' adulterju, ta' infedelta', u kull ma jkollok xi ghaxar snin habs? Jekk inti ma tammettix ingibuk bhala kattiv u krudili u jkollok l-istess piena bhal Joseph Harrington u tmur il-habs. Ghidt lil interpreti biex jghidulu hekk?
Xhud: Le Sur Imhallef ha nispjega ghax din hija frazi li f'kull investigazzjoni kwazi tissemma. Meta nkunu qeghdin inkellmu lis-suspettat, l-indagat, ahna nispjegawlu isma' inti ghandek zewg toroq issa f'dan l-istadju – jew il-koperazzjoni maghna u ma' l-Qorti, nispjegawlu xi tghid il-ligi li l-Qorti tista' tiehu in konsiderazzjoni l-kooperazzjoni ma' l-pulizija u ma' l-Qrati u nispjegawlu wkoll illi meta jkun qed jispjega ruhu u johrog x' wassal ghal incident allura umbaghad wiehed ikun jista' jifhem ghalfejn ikun gara dan il-kaz. Dik kienet kollox, ma ghidtlu l-ebda diskors, spjegajtlu wkoll iva jista' jkun li ssemma Harrington, dak huwa kaz partikolari li nsemmuh fejn kienu zewg

[9] Paġni 44 – 45 *ibidem*.

akkuzati akkuzati bl-istess omicidju, li kienu flimkien waqt l-omicidju, wiehed spjega l-parti tieghu u s-sentenza b'kooperazzjoni wiehed mar erbatax-il sena u l-iehor mar ghomru l-habs. Dik kienet l-istorja kollha, u nahseb li ma ghamilt xejn hazin b'daqshekk.

Difiza: Inti ddeciedejt li ttih il-parir legali jigifieri?

Xhud: Le jiena spjegajtlu l-konsegwenzi ta' meta wiehed ma jikkoperax u kemm hu ahjar meta wiehed jikkopera ma' l-pulizija.

Difiza: Jigifieri jekk jiena nghidlek, ara d-diskors ta' ghaxar snin jekk hu jikkopera intom iggibuha hawnhekk fil-Qorti li dan huwa miskin u dan huwa li ghamel dak li gara minhabba l-fatt li l-mara tieghu kellha relazzjoni ma' haddiehor

Qorti: Inti semmejt xi terminu ta' habs?

Xhud: Ma semmejt l-ebda terminu Sur Imhallef, bil-gurament tieghi nista' nghidu dan. L-uniku terminu li ssemma huwa meta tajtu l-kaz l-iehor, meta semmejna l-kaz ta' Harrington u l-akkuzat l-iehor ta' mieghu, illum mejjet, li wiehed mar erbatax-il sena, hemmhekk biss issemma terminu. Il-bqija fil-konfront tieghu per se ma ssemmew l-ebda termini.

Difiza: Jigifieri inti qed nifhem sew li inti l-ghazla li tajtu – jekk tikkoopera inti tkun bhal Baldacchino li kien ma' Harrington, il-komplici li dan qala' erbatax –il sena jew inkella jekk ma tikkoperax u taghmel bhal Harrington tmur ghomrok il-habs, hux hekk?

Xhud: Jiena ma ghidtx hekk Sur Imhallef

Difiza: Iva hekk ghidt.

Xhud: Jiena qed nghid mhux x'ghidtlu li ser jigrilu hu, jiena spjegajtlu meta wiehed jikkopera u meta wiehed ma jikkoperax. Ma ghidtlux int ha jigrilek hekk kif qed tipprova tinterpreta d-Difiza.

**22.** Issa, dak li qal fl-indirizz tiegħu l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri kien preċiżament is-segwenti[10]:

"Rigward il-legalita' ta' l-istqarrija l-ligi ghadha l-istess, vuoldieri din l-istqarrija biex tkun valida ma tridx tkun mehuda b' theddid, dawn huma l-kliem li tuza l-ligi – theddid, intimidazzjoni, promessi jew suggerimenti ta' favuri. Theddid, intimidazzjoni, promessi jew suggerimenti ta' favuri. Dawn huma l-kriterji li l-ligi tghid li jista' jivvizzjaw, jista' jannullaw statement. F'dan il-kaz waqt illi kien qed jittiehed l-istatement kien hemm prezenti mhux biss il-pulizija imma kien hemm prezenti mill-anqas zewg persuni civili ohra li kienu l-interpretors, li kienu prezenti kwazi l-hin kollu li gie nterrogat l-akkuzat meta kien qed jirrilaxxja l-istqarrija tieghu. Intqal illi waqt l-interrogazzjoni l-pulizija uzaw certu metodi li skont id-Difiza ma kienux gustifikati, kienu jammontaw ghal theddid b' tali mod li kellhom jivvizjaw din l-istqarrija. Issa apparti l-fatt illi dak illi gie allegat mid-Difiza gie negat mill-pulizija vuoldieri dik il-kwistjoni ta' Harrington u mhux Harrington u Baldacchino u x'naf jien pero' dato non concesso illi gara hekk din il-Qorti ma jidhirlhiex li dan jista' jammonta ghal theddid fis-sens ta' l-ligi. Ghaliex?

"Ghaliex il-pulizija ghandha dritt meta qed tinvestiga u taghmel id-domandi li tiblaffja, ghandha dritt tigdeb, ghandha dritt tuza messa in scena biex hi ggieghel

[10] *Ibidem* paġni 386 – 387.

lil dak il-persuna indizzjata sabiex jghid il-verita'. Fil-fatt hija principju bazilari wkoll illi fi stqarrija huma r-risposti li jghoddu mhux id-domandi. Fid-domandi l-pulizija jista' jghid li jrid, il-pulizija ma huwiex marbut bir-regoli stretti ta' proceduri li ghandna hawnhekk, illi jekk huwa xhud tieghek ma tistax taghmel domandi diretti, ma tistax taghmel domandi ipotetici, ma tistax tpoggi kliem f' halq ix-xhud – dawn ir-regoli stretti li ghandna bhala procedura quddiem Awla ma jezistux ghal pulizija u jistghu jaghmlu domandi diretti kemm iridu, jistghu jaghmlu suggestive questions kemm iridu u jistghu anka jhajru kemm iridu, basta ma jaqbzux certu limiti.

"Issa l-ligi taghna tirrikonoxxi sitwazzjoni fejn jekk akkuzat jikkoopera ma' l-pulizija din ittih certa beneficcji, din hija l-ligi. Kwindi ma hemm xejn hazin billi l-pulizija jghidu lil akkuzat x'inhuma d-drittijiet tieghu u juru b'mod prattiku dawn id-drittijiet kif jahdmu. Id-Difiza ghamlet kapital bil-fatt li semma kaz partikolari. Ghalina l-Maltin forsi dak il-kaz nafu x'inhu, hawn konna, ghixnieh u forsi niftakruh. Imma ghal dan l-akkuzat li ghandna hawn dawn l-ismijiet ma jfissru assolutament xejn, seta' kien Petus u Sempronju for all he cares, ma jfissru xejn. Il-principju jfisser, il-principju li jekk hu jikkoopera jista' jkollu certa beneficcji. Araw intom Sinjuri Gurati jekk dan jammontax ghal theddid jew promessi kif tghidlek il-ligi. Tinsiex ghandek theddid, intimidazzjoni, kien hemm xi intimidazzjoni f'dan il-kaz waqt l-istatement? Xi hadd beda jghajjat u jsabbat? Xi hadd werwer lil xi hadd? Kien hemm xi promessi? Inweghdek, jekk taghmel inti hekk inweghdek li jsir hekk? Jew xi suggerimenti ta' xi favuri? Kien hemm suggerimenti ta' xi favuri? Isma' jien naghmillek favur, jien ser nixhed favur tieghek? Kien hemm minn dawn l-affarijiet? Araw intom Sinjuri Gurati bhala fatt jekk dan irrizultax waqt it-tehid ta' dan l-istatement. Jekk ma rrizultax f' ghajnejn il-ligi allura dak l-istatement huwa validu u jservi bhala wahda mill-provi li tista' ggib il-Prosekuzzjoni fil-kaz taghha kontra akkuzat."

**23.** Din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi huwa perikoluż illi waqt interrogazzjoni jissemmew perijodi ta' priġunerija li jkunu ngħataw f'każijiet deċiżi peress illi dan jista' jiġi interpretat bħala, almenu, forma ta' twebbil ta' xi vantaġġ. Fl-istess ħin irid jirriżulta ness bejn dak li ntqal lis-suspettat u l-mod kif intqal lilu u d-deċiżjoni tiegħu li jikkonfessa. Stqarrija ma tistax tiġi dikjarata nulla meta suspettat jikkonfessa għax ikun ipperċepixxa f'moħħu li seta' jottjeni vantaġġ b'tali konfessjoni. Fi kwalunkwe każ, il-parti ta' l-indirizz appena ċitata (li mhijiex kompletament korretta peress illi, per eżempju, l-interpretu John Debono xehed li, għalkemm kien preżenti waqt l-interrogazzjoni qabel ma ttieħdet l-istqarrija, ma kienx preżenti waqt it-teħid ta' l-istqarrija iżda kienet preżenti biss l-interpretu Lyudmyla Plyushkina; u l-liġi ma tgħidx "suġġerimenti ta' favuri" iżda "twebbil ta' vantaġġi" – artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali [it-test Ingliż jgħid *"suggestion of favours"*]) intqalet eżatt qabel ma l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri indirizza lill-ġurati dwar il-posizzjoni viġenti minħabba li l-istqarrija kienet ittieħdet mingħajr l-assistenza ta' avukat (ara bran ċitat f'paragrafu 11 *supra*). Jiġifieri l-aħħar direzzjoni ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri kienet li jekk kien jirriżulta lill-ġurati li l-appellant ma kellux assistenza ta' avukat, kellhom jiskartaw l-istqarrija. Għandu jiġi rilevat li, meta l-Imħallef

li ppresjeda l-ġuri kien qiegħed jirreferi, fl-indirizz, għall-provi, ma għamel l-ebda referenza għall-istqarrija u għax-xiehda fir-rigward.

**24.** Permezz ta' l-ewwel aggravju l-appellant jgħid li ma kienx hemm provi suffiċjenti biex ġurija raġonevoli tasal għal konkluzjoni ta' ħtija oltre d-dubbju raġonevoli. L-appellant jissottometti:

> " (a) M'hemm l-ebda prova li jindika li l-appellant tefa lill-mara tieghu fix-shaft;
>
> "(b) Il-gar ta' l-appellant u l-mara tieghu Vicky Boreham tirrakkonta li fil-lejl in kwistjoni kienet qamet ghaliex semghet mara u ragel jillitigaw gewwa fil-flat ta' ma' genbha. Wiehed jista' jikkonkludi li dawn kienu l-appellant u l-mara tieghu Semghet ukoll li dan l-argument mar barra fuq landing ta' dak is-sular. Hi tghid li l-mara kompliet tibki barra, filwaqt li r-ragel dahal l-gewwa. Aktar tard bil-lejl tghid li semghet mara tibki u tghajjat. Jigifieri x-xhieda ta' Vicky Boreham, li hija xhieda importanti ghaliex hija l-unika xhieda li tindika x'gara dak il-lejl bejn l-appellant u l-mejta, qatt ma tpoggi l-appellant fis-sular ta' fuqha. Il-prosekuzzjoni tissottomettiet li l-glieda kompla fuq is-sular ta' fuq u kien hemmhekk li l-appellant kien jaf li l-mara tieghu waqghet '1 isfel. Fil-fatt din it-teorija li gejja mill-istqarrija li kien mehud skond hu illegalment, ma ssibx l-ebda prova. Vicky Boreham tixhidha car u tond li l-vuci tal-mara kompliet tibki barra filwaqt li r-ragel dahal il-gewwa.
>
> "(c) Il-provi kollha juru li l-appellant sar jaf l-ewwel darba li l-mara tieghu waqghet fix-shaft filghodu kmieni. Alla Pavlova, li kienet tghix fl-istess blokk ta' appartamenti fejn kienu jghixu l-appellant u l-mara tieghu tixhed (a fol 15) li Roman li kien jghix fl-istess appartament ta' l-appellant u l-mara tieghu mar ghandha filghodu kmieni ghaliex ried juza l-mobile taghha ghaliex ma kienx qed jahdem. Dan jindika li l-anqas l-appellant kellu l-mobile tieghu dak il-hin peress li kien joffri tieghu. Dan jindika li l-mobile tieghu kienet ghand il-mara tieghu u kienet hallietha fil-basket li halliet wara fil-konfuzjoni tal-glied. Qed jinghad hekk ghaliex min-numru li l-appellant ghandu saru sensiela ta' telefonati lil mahbub tal-mejta Vitali ghal habta ta' nofs il-lejl.
>
> "(d) Olesksii Iedynak fil-lejl ta' 9 ta' Novembru 2009 hu kien wasal il-flat fil-Blokk ta' appartamenti fit-8.00 am minn Paceville u fid-9.00 am l-appellant kien gie jitlob ghal screw-driver biex jiftah l-injam li kien qed jghatti ix-shaft tal-lift fil-ground floor u fil-fatt ghenu jkisser din l-injama u skoprew lill-mejta.
>
> (e) Roman Kovalchuk (a fol 27) li kien jghix ma' l-appellant spjega li meta qam fid-9 ta' Novembru 2009 u sab lill-appellant diga` imqajjem u liebes. Huma t-tnejn ddecidew li ma jmorrux ghax-xoghol u l-appellant mar jixtri l-inbid u xorob daqxejn. L-appellant qallu li kien sema hsejjes mix-shaft u kien qisu krib li "fakritu f'martu" (a fol 33). Roman qallu biex ma jghidx affarijiet stupidi. L-appellant insista u talbu biex imur jiccekkja u hemmhekk Roman sabha. Ir-reazzjoni ta' l-appellant kien ta' biki u beda jghid "hallejtni wahdi, t-tfal taghna, it-tfal taghna".

"(f) Lawrence Spagnol xehed il-Qorti viva voce li mar fuqu l-appellant u beda jghidlu b'mod ta' paniku biex jigi mieghu u uza l-kliem "problem problem"

"(g) Mill-provi prodotti l-hbieb kollha ta' 1-appellanti li kienu jghixu fil-blokk ta' appartamenti telqu u harbu ghaliex kienu Malta illegalment, filwaqt li l-appellant li suppost u skond il-prosekuzzjoni ried joqtolha baqa' hemm jistenna l-pulizija u hdejn il-mara tieghu."

**25.** Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. Għalhekk, dak li din il-Qorti issa trid tara huwa jekk il-ġurati, ben indirizzati (salv dak li ntqal diġa`), setgħux legalment u raġonevolment jaslu għall-konklużjoni li effettivament waslu għaliha.[11] In eżekuzzjoni ta' din il-funzjoni tagħha, hi eżaminat dettaljatament l-atti proċesswali, inklużi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xiehda, it-traskrizzjoni ta' l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, id-dokumenti esibiti (ħlief l-istqarrija ta' l-appellant) u l-atti kollha tal-kumpilazzjoni. Inoltre ħasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet, u l-konklużjonijiet tagħha huma dawn li ġejjin:

(i) M'hemmx dubju li l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt ġew posti għall-konsiderazzjoni tal-ġurati li kienu liberi l-ħin kollu, u ġew diretti f'dan is-sens mill-Imħallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi <u>kollha</u> miġjuba.

(ii) Irid jiġi sottolineat ukoll li l-ġurati kellhom il-vantaġġ li jaraw u jisimgħu x-xhieda kollha, salv dawk li kienu siefru u għalhekk kellha tinqara x-xiehda li huma kienu taw waqt il-kumpilazzjoni. B'hekk, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li nġab a konoxxenza tagħhom tul il-ġuri, wara eżami u kontro-eżami tax-xhieda, wara li kellhom l-opportunita` iqisu "l-imġieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u "tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda", u "jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ" (artikolu 637 tal-Kap. 9), wara li semgħu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża, u wara li ġew ben indirizzati mill-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, waslu għall-konklużjoni li kellhom isibu ħtija skond l-imsemmi l-Ewwel Kap.

---

[11] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

(iii) Huwa inkontestat li fid-9 ta' Novembru 2009 Liudmyla Nykytiuk instabet mejta fil-qiegħ tax-*shaft* li kellu jservi biex jitqiegħed *lift* ġewwa blokk ta' appartamenti bl-isem ta' Martina Flats fi Triq Ramon Perellos, San Pawl il-Baħar. Hija kienet tgħix ma' żewġha (l-appellant) u ma' żewġt irġiel oħra (Roman Kovalchuk u ċertu Vladimir) fl-appartament numru ħamsa (5). L-ewwel persuni li niżlu fix-*shaft* kienu żewġha u ċertu Oleksii Iedynak (li kien jgħix fl-appartament numru wieħed (1) flimkien mat-tfajla tiegħu Tatiana Pavlova u ommha Alla Pavlova). Oleksii Iedynak qal lill-appellant biex iċempel lill-Pulizija u lill-Emerġenza filwaqt illi l-istess Iedynak u Tatiana Pavlova telqu għax beżgħu għax kienu *overstaying*. L-appellant ħareġ barra, sab lil Lawrence Spagnol u beda jghidlu "come come problem, problem, come come problem". Spagnol segwieh fil-blokk appartamenti fejn l-appellant urieh lil martu fix-*shaft*. Spagnol ċempel in-numru ta' l-Emerġenza li qalulu li se jiġu l-Pulizija dalwaqt. Huwa kellu jmur jiltaqa' ma' xi klijenti u indirizza lill-appellant biex jistenna lill-Pulizija. Mir-rapport ta' l-awtopsja jirriżulta li Liudmyla Nykytiuk mietet kawża ta' "hypovolaemic shock and multiple injuries". Mix-xiehda tal-Prof. M'Therese Camilleri u Dr. Sarfraz Ali jirriżulta li damet "about two or three hours" biex mietet peress illi ma kienx hemm "a massive haemorrhage; it was more of a slow process", u li l-offiżi li ġarbet kienu "treatable". Dr. Mario Scerri jikkonferma illi Liudmyla Nykytiuk ma mititx mill-ewwel u bdiet titlef id-demm bil-mod il-mod. Dr Scerri beda l-eżami mediko-legali tagħha fid-9.30 a.m. u kkalkula li kienet ilha mejta madwar erba' sigħat. Jikkonferma illi ħajjitha setgħet ġiet salvata.

(iv) It-teżi tal-prosekuzzjoni hi li l-appellant kien jaf li martu kienet waqgħet ġox-s*haft* u li għalkemm semagħha tokrob bl-uġigħ, minflok ġabilha l-għajnuna huwa abbandunaha. L-appellant isostni illi huwa sar jaf li martu kienet waqgħet fix-*shaft* filgħodu kmieni.

(v) Issa, kif jgħallem il-Profs. A. Mamo[12]: "The act which destroys life may be an act of commission or an act of omission." Din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju illi jekk l-appellant kien jaf f'liema qagħda kienet tinsab martu, kellu d-dover – din il-Qorti tgħid mhux biss speċjali iżda anke legali[13] – illi jġibilha l-għajnuna meħtieġa. Jekk naqas volontarjament milli jagħmel dan, allura seta' legalment jinstab ħati tar-reat kontemplat fl-artikolu 211 tal-Kodiċi Kriminali minħabba li b'hekk qiegħed il-ħajja ta' martu f'periklu ċar per konsegwenza li kkaġunalha l-mewt.

---

[12] Notes on Criminal Law, p. 218.

[13] L-artikolu 2 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi, *inter alia*, li l-miżżewġin għandhom id-dmir li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.

(vi) Dak li din il-Qorti trid tara issa huwa jekk il-ġurati setgħux raġjonevolment isibu ħtija mill-provi li nġabu a konjizzjoni tagħhom ad esklużjoni ta' l-istqarrija ta' l-appellant. Għalhekk din il-Qorti sejra tissenjala l-punti prinċipali emerġenti mill-provi.

(vii) Mill-provi jidher illi l-appellant kien jgħir għall-mara u kien qiegħed jissuspetta illi kellha relazzjoni ma' persuna oħra – Vitalii Pidkypnyi. Effettivament dan kien suspett fondat bħalma xehed l-imsemmi Pidkypnyi. Mix-xhieda u mill-eżami mediko-legali jirriżulta illi kien qed ikun hemm argumenti bejn il-konjuġi Nykytiuk li fihom kienet anke intużat vjolenza. Huwa veru li kien hemm gdim fuqhom it-tnejn li uħud minnhom ġew deskritti bħala *love-bites* mill-Profs. Hector Galea, iżda kien hemm ukoll offiżi li ma kinux kompatibbli ma' atti amorużi, bħall-*haematoma* periorbitali li kellha l-vittma fuq l-għajn tal-lemin (*black eye*). Is-Sibt 7 ta' Novembru kien hemm *party* għal Roman Kovalchuk fl-appartament tal-konjuġi Nykytiuk. Tfaċċa għal dan il-*party* Vitalii Pidkypnyi fuq stedina ta' mart l-appellant. Skond Tatiana Ilchuk, li kienet il-*party,* mart l-appellant qaltlu li kienet tħobb lil Vitalii Pidkypnyi u l-appellant u martu bdew jgħidu kliem pastaż lil xulxin. L-argument jidher li kiber mhux ftit. Roman Kovalchuk jgħid illi meta wasal Vitalii Pidkypnyi l-attitudni ta' l-appellant inbidlet u sar aggressiv u arroganti, beda jidgħi u għajjar lil martu prostituta. Hija qalet lill-appellant li ma riditx tibqa' tgħix miegħu u li ma kinitx għadha tħobbu. Bdew jagħtu b'mod fiżiku, jimbuttaw lil xulxin u ħin minnhom waqgħu fuq mejda. Kovalchuk jgħid li "din ma kinitx l-ewwel darba illi Sergei beda jhedded lil martu Liudmyla li huwa joqtolha u li mbagħad jarmiha l-baħar".

(viii) Dak il-lejl martu ma raqditx id-dar iżda s-San Pawl Hotel flimkien ma' Vitalii Pidkypnyi. Il-Ħadd għall-ħabta ta' nofsinhar Tatiana Ilchuk iltaqgħet ma' mart l-appellant fuq mejda ta' bar, barra, f'Buġibba. Hija uriet lil Ilchuk il-*black eye* li kellha u qalet lil Ilchuk li kien għamilhielha żewġha. Isseparaw u aktar tard iltaqgħu u baqgħu fil-kumpanija ta' xulxin sal-ħabta tal-11.00 p.m. Skont Ilchuk, mart l-appellant qaltilha li kienet se tmur torqod id-dar tagħha. Fi x'ħin eżatt marret id-dar mhuwiex stabbilit iżda Vicky Boreham li kienet toqgħod fl-appartament numru sitta (6) fuq l-istess indana fejn kienu joqogħdu l-konjuġi Nykytiuk, xehdet waqt il-ġuri li għall-ħabta tas-1.15 a.m. tqajmet mill-vuċijiet ta' raġel u mara jargumentaw (Vicky Boreham xehdet ukoll illi għall-aħħar tlieta/erba' ġimgħat kienet tisma' regolarment, xi tliet darbiet fil-ġimgħa, argumenti bejn mara u raġel li kienu jdumu ħinijiet twal f'ħiniiet differenti tal-ġurnata. Raymond Bezzina li joqgħod bieb ma' bieb mal-blokk ta' appartamenti in kwistjoni wkoll xehed li fl-aħħar ħames ġimgħat kien jirrapporta lil sidt il-blokk il-ġlied/litikar li kien jisma' bejn raġel u mara fl-istess blokk u li kien jinkludi wkoll "xi għamara sejra 'l hinn u 'l hawn"). Boreham ikkonfermat ukoll xiehda li kienet tat waqt l-inkjesta fejn qalet: *"This morning at about one*

*thirty I woke up hearing shouting next door, where there was also banging in the flat. I heard a man and a female arguing, they went into the stairway and kept on shouting and I heard someone going back into flat number five and banging. The female was shouting and crying, I then heard someone going out of flat five, the female was crying and the person returned into flat number five for the second time. This commotion lasted for about half an hour'*. Xehdet ukoll li għall-ħabta tat-3.00 a.m. qamet biex tmur it-toilet u semgħet leħen ta' mara *"shouting and crying ... a distressed cry ... it sounded low downstairs, below me"*. Fuq mistoqsija ta' wieħed mill-ġurati jekk semgħetx xi ħaġa taqa' jew xi ħoss kbir, qalet: *"I heard someone what I believed fall on the stairs ... What made me think was on the stairs because it sounded like a zip on the stair bannisters were made of metal, and it sounded like a something clanging with the metal"*. Irid jitfakkar hawn illi l-vittma nstabet bil-qalziet (*jeans*) imniżżel u mċarrat minn maż-*zip*. Dr Mario Scerri kkonkluda illi l-fatt li l-qalziet kien imniżżel kien jindika li l-vittma ġiet imġebbda mill-qalziet filwaqt li t-tiċrita setgħet ġiet kawżata bl-istess ġbid jew b'riżultat tal-waqgħa fejn il-vittma spiċċat fil-qiegħ tax-*shaft* bilqiegħda kif jidher mill-impatt vjolenti tal-*pelvis*.

(viii) Raymond Bezzina xehed ukoll li <u>fis-01:38 filghodu kmieni</u>, "smajt ħoss kbir u qisu bħal xi ħadd waddab xi loose furniture, gwardarobba jew gradenza, u ħsibtu li kien fuq il-bejt tiegħi. U ċempilt lil pulizija għax iddejjaqt għax għidt fuq il-bejt dak il-ħoss kbir, ġew tal-mobile squad, tlajna fuq il-bejt u sibna kollox in order." Il-ħin imsemmi minn Raymond Bezzina huwa kompatibbli mal-ħin li fih Vicky Boreham semgħet il-ġlieda bejn l-appellant u martu. Jingħad ukoll illi biex wieħed jitla' għat-tielet sular fejn kien hemm il-bokka tax-*shaft* mnejn waqgħet mart l-appellant, kien hemm xi oġġetti jingumbraw it-taraġ u li kienu disturbati. Inoltre l-istess bokka tax-*shaft* kienet magħluqa biss b'folja tal-*melamine* mqiegħda mimduda ma' l-apertura u mhux imwaħħla, u liema folja nstabet maqluba. Dawn iċ-ċirkostanzi kollha, flimkien ma' dak li xehdu Dr Mario Scerri u l-esperti patoloġi huma indikazzjoni tal-kompatibilita` tal-ħin li waqgħet mart l-appellant fix-*shaft* mal-ħin li semma Raymond Bezzina.

(ix) Din il-Qorti sejra issa tirreferi mill-ġdid għax-xiehda ta' Roman Kovalchuk dwar dak li seħħ filgħodu tat-Tnejn 9 ta' Novembru. Huwa xehed li l-appellant qallu li dak il-lejl "meta kien ġej għal flat sema' krib ġej mix-s*haft* tal-flats u ... illi dan il-krib ma kienx krib ta' meta wieħed ikun qed jagħmel l-att sesswali imma ta' persuna li tkun muġugħa. U qal il-vuċi tal-persuna lilu fakritu f'martu." Qallu li kien tela' biex jara mix-*shaft* iżda ma ra xejn ghax kien wisq dlam. Kovalchuk jgħid li qal lill-appellant biex jieqaf jgħid dawn l-affarijiet stupidi u biex jaqbad inaddaf il-*flat* iżda l-appellant wieġbu: "Għalfejn innaddaf, il-Pulizija kienet ser tiġi u l-Pulizija tnaddaf kollox hemm." L-appellant talab lil Kovalchuk biex imur jara hu. Fil-fatt Kovalchuk innota lil mart l-appellant

mixħuta fix-*shaft*. Kovalchuk beda jgħid lill-appellant "X'għamilt? X'għamilt" u għall-ewwel l-appellant ma rrispondiex iżda mbagħad f'daqqa waħda infexx jibki u beda jgħid "Għaliex ħallejtni waħdi, it-tfal tagħna, it-tfal tagħna". Minn dak li ntqal fil-paragrafi preċedenti jidher li l-appellant kien jaf li martu kienet waqgħet fix-*shaft*. Iżda jekk għall-grazzja ta' l-argument l-appellant ħareġ mill-blokk appartamenti wara l-ġlieda ma' martu u sema' l-krib meta daħal u saħansitra ttawwal fix-*shaft*, għaliex ma sejjaħx għall-għajnuna? Għaliex kellu jsemmi proprju li issa kienu se jiġu l-Pulizija? Id-difiża targumenta illi l-appellant kien qiegħed jirreferi għall-ġlieda li kellu mal-mara qabel u mhux għax qatilha. Dan mhuwiex wisq verosimili – minn imkien ma jirriżulta illi martu qaltlu li se ġġiblu l-Pulizija.

(x) Fid-dawl ta' dawn il-provi kollha ċirkostanzjali l-ġurati setgħu raġonevolment jaslu tal-anqas għall-konklużjoni li l-appellant kien jaf li martu kienet waqgħet fix-*shaft* u li volontarjament – u għalhekk dolożament – naqas milli jipprovdilha l-għajnuna li kienet teħtieġ u li kien evidenti li kellha bżonn mill-krib li l-appellant stess ammetta ma' Roman Kovalchuk li kien sema'.

**26.** Konsegwentement l-ewwel aggravju hu miċħud.

**27.** <u>L-aħħar aggravju</u> ta' l-appellant huwa dwar il-piena. Huwa jgħid hekk:

> "Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti tat sentenza ta' hamsa u ghoxrin (25) sena prigunerija. Il-verdett jidher aktar mod car li 1-appellant kien hati ta' omicidju volontarju b'omissjoni ghaliex il-prosekuzzjoni kienet qed tinfazizza li l-appellant kien jaf li waqgħet u ma marx jghinha. Ma kien hemm l-ebda prova li l-appellant kkawza il-waqa taghha mix-shaft. Dana jistona ma' sentenzi ohra fuq fatti identici li gew konfermati minn dina l-Onorabbli Qorti bhal Ir-Repubblika ta' Malta v. Carmel Decelis et, fejn Concetta Decelis inghatat sentenza ta' hmistax-il (15) sena prigunerija, filwaqt li binha Jason Louis Decelis inghata sentenza ta' hamsa u ghoxrin sena prigunerija. Id-differenza li Jason Decelis kien abbuza d-droga mal-mejta Rachel Bowler.
>
> "Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jekk dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-htija, l-azzjoni ta' l-appellant jixbah aktar lil Carmen Decelis, li ghamlet lejl mal-mejta sakemm mietet u ma cemplitx ghall-ambulanza. Fil-kas de quo l-prosekuzzjoni qeghda tghid l-istess haga li l-appellant kien jaf li l-mara tieghu waqghet fix-shaft, izda ma cempilx ghal ghajnuna.
>
> "Illi ma jixbahx is-sitwazzjoni ta' Jason Decelis li kkawza l-overdose bid-droga li kien ta. L-istess l-appellant f'dan il-kas ma kkawzax il-waqa tal-mara tieghu. Fi kwalunque kaz u dan kollu qed jigi sottomess subordinatament ghas-sottomissjoni ta' 1-esponent li huwa ma kellux jinstab hati, huwa evidenti li l-piena inflitta fuqu specjalment tenut kont tac-cirkostanzi kollha, anki ta' provi, specjalment meta paragonata ma' dik inflitta mill-istess qorti u qrati ohra f'kazijiet ohra kienet harxa izzejjed."

**28.** Issa, in materja ta' piena l-prinċipju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt ingħatat[14].

**29.** Fil-każ in eżami, il-piena preskritta mil-liġi għar-reat li dwaru l-appellant instab ħati hi dik ta' priġunerija għall-għomor. Jiġifieri l-piena nflitta mill-ewwel Qorti żgur taqa' fil-parametri tal-liġi. Il-verdett tal-ġurati f'dan il-każ ma kienx unanimu u skont is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 492 tal-Kodiċi Kriminali: **"Il-qorti tista' tagħti piena ta' priġunerija għal żmien li ma jkunx anqas minn tnax-il sena minflok il-piena ta' priġunerija għall-għomor jekk, fid-dikjarazzjoni ta' fatt li għalih hemm stabbilita l-piena ta' priġunerija għall-għomor, il-voti tal-ġurati ma jkunux unanimi."**

**30.** Jingħad ukoll illi l-paraguni huma odjużi. Kull każ jiġi trattat fuq il-mertu tiegħu. Id-disparita` lamentata mill-appellant hi bejn is-sentenza moghtija fil-konfront tiegħu u dik moghtija f'każ li mhuwiex relatat. Bħalma jingħad f'Archbold, *Criminal Pleading, Evidence and Practice*, 2001 (para. 5-174, p. **571): "The court will not make comparisons with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant (see *R. v. Large*, 3 Cr.App.R.(S) 80, C.A.)."** Fil-każ ċitat mill-appellant, almenu Concetta Decelis għamlet il-lejl mal-vittma tipprova tassistiha bħalma kienet ġieli assistiet lil binha. Fil-każ odjern l-appellant abbanduna lil martu kompletament.

**31.** Fiċ-ċirkostanzi għalhekk din il-Qorti ma tarax li huwa l-każ li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif eżerċitata f'dak li huwa l-quantum tal-piena.

**32.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell, tikkonferma fl-intier is-sentenza appellata, b'dan li l-perijodu għall-ħlas ta' l-ispejjez peritali jibda jiddekorri millum.

---

[14] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.